*St Jeanne Antide Foundation*



1

# Il-Ħuta Għaqlija

# Tmiss mal-Qiegħ



2

*Inti msejħa lejn ħajja aktar kontemplattiva ?*

*TM, imagine@maltanet.net*

*31  ta' Lulju 2008 – Ver 7 revedut*

*Dan l-artiklu tista' tniżżlu minn:*

*http://www.antidemalta.com/Spirituality/Spirituality.htm*




3

**A. KONTEMPLATTIVI ?**
**B. MIN JITLEF ĦAJTU?**
**C. IL-MERAVILJA**
**D. LEMĦA BISS ?**
**E. AGĦMA!**
**F. DEVOZZJONI**
**G. INĦARES, INĊEDI**
**H. TIBŻAX**
**I. KIF JIBDA' JBEXBEX…**




4

## ✱ 1 —— A. KONTEMPLATTIVI ?



5

✱ 2 —— Is-sejħa kontemplattiva hija sejħa ta' l-Ispirtu lil kulħadd – sorijiet, patrijiet, qassisin, lajċi – għalkemm f'xi wħud forsi din is-sejħa ġewwinija ma tasalx sal-wiċċ għaliex ikun hemm wisq ċpar. {Fig 5}

✱ 3 —— "Għandkom tkunu *kontemplattivi li jingħataw għall-ħidma*[1]," San Vinċenz de Paule kien jgħid lis-segwaċi tiegħu. "Qisu m'hux hu," jgħid il-Malti meta xi ħadd donnu jmur lilhinn mil-limiti tiegħu. Dwar il-persuna kontemplattiva ma nistgħux ngħidu biss 'Qisa m'hix hi.' – ikollna bżonn ngħidu '*tassew* m'hix hi'! Il-persuna kontemplattiva tkun marret lilhinn mill-"jien" tagħha. Interessanti li bl-Għarbi, dak il-jien (bejn wieħed u ieħor)[2] jissejjaħ *nafs i-ammari*, il-'jien li jikkmanda'.



6

✱ 4 —— {Fig 6} Fir-regola tas-Sorijiet tal-Karità ta' Santa Ġovanna Antida, San Vinċenz ikkwotat jgħid hekk: *"Huwa meħtieġ li inċedu il-'jien' tagħna għaliex, jekk ikollna kollox iżda nkunu żammejna il-volontà tagħna, allura ma nkunu rnexxielna naslu mkien, ma nkunu ksibna ebda suċċess.* ("have achieved nothing")



7

✱ 5 —— {Fig 7} Li kieku kont qed nisma' lil San Vinċenz jitkellem, forsi kien ikolli t-

---

[1] - 'contemplatives in action'

[2] - Il-kunċett ta' *nafs ammari* m'hux eżatt eżatt ekwivalenti għall-kunċett ta' *ego*. *Nafs* huwa "jien" (bl-Ingliż *self*) bħal meta ngħidu "jien in*nifs*i". *Għamar* huwa kmand.

tentazzjoni li ngħajjat, "Hekk hu! Hekk hu! U *wara* li nċedu lilna nfusna, xorta wara ma nkunu ksibna ebda ċertifikat, ebda akkwist. X'meravilja!" U mbagħad kont nistiednu għaż-żfin. Żifna umli ta' ħelsien u ferħ u mħabba, iżda m'hux żifna ta' riżultati, ta' proġetti, ta' kisbiet u akkwisti.

Dawk – proġetti, riżultati – isiru, iżda ma jkunux "tagħna". Azzjoni li toħroġ mill-kontemplazzjoni m'hijiex azzjoni kwalunkwe.

✱ 6 —— Bla dubju ta' xejn, il-ħajja ġenwina, jiġifieri il-ħajja spiritwali, parti minnha hija li *inħarsu*, *naraw*. Inżommu għajnejna miftuħin ħalli nindunaw bil-logħob u l-manuvri u l-kmand tal-ego – dak il-'jien' "ta' rasu" li jrid ir-riedni f'idejh, dejjem imħabbat, ifittex is-setgħa, dejjem irid, dejjem jonqsu xi ħaġa, *insecure* – fil-fond ma jħossux żgur minnu nnifsu - ambizzjuż, u mimli rabja u piki u storbju u proġetti tiegħu stess.



8

## ✱ 7 —— B. MIN JITLEF ĦAJTU?



9

✱ 8 —— {Fig 8} Gesù fil-Vanġelu jwissi[3]: "Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha." Xi jfisser, dan, li 'tmut qabel ma tmut'? Xi proċess hu dan, li titlef ħajtek minħabba f'Alla?



10

{Fig 9} Tgħid, dan huwa bħal meta wieħed jidħol *fil-Palazz ta' l-Iżmerald li jleqq fid-dija tal-qamar*? {Fig 10} Il-Palazz ta' l-

3 - Luqa 17:33:

Iżmerald għal xi kittieb Ażjatiku ta' l-imgħoddi kien xbiegħa għall-kundizzjoni jew stat fejn m'hemmx distinzjoni bejn min qed jara u min qed jidher. Min jara u min qed jintwera; il-maħbub u l-maħbuba: m'hemmx tnejn iżda wieħed, lilhinn minn kull separazzjoni jew duwalismu.



11

{Fig 11} Il-palazz huwa l-post fejn, fi kliem Meister Eckhart, *għajni li tara lil Alla hija għajn Alla li tara lili – ħars wieħed, għarfien wieħed, imħabba waħda.*



12

✱ 9 —— {Fig 12} Iħares lejn il-bieb tal-Palazz ta' l-Iżmerald biss min għandu wiċċu tost? Jew inkella din l-arkata ta' ġawhar prezzjuż toffri l-wirt u t-tifsira tagħna lkoll?

## ✱ 10 —— C. IL-MERAVILJA



13

✱ 11 —— {Fig 13} Hemm dis-silta ta' l-għaġeb fil-ktieb tas-Salmi – Salm 80. U Ġesù jsemmiha b'approvazzjoni fil-Vanġelu skond Ġwanni[4].



14

{Fig 14} Ma kienx qed ilaqlaq, Ġesù, meta qal: *"fil-Liġi tagħkom ma hemmx miktub 'Jiena għedt: Intom allat?' Issa jekk il-Liġi ssejjaħ allat lil dawk li waslitilhom il-kelma t'Alla – u l-iskrittura ma tistax titħassar – mela lili, li l-missier ikkonsagrani u bagħatni fid-dinja, kif tgħiduli, 'Qiegħed tidgħi,' għax għedtilkom li jien Bin Alla?"*

4 - Ġw 10:30

"F'dak il-jum tindunaw li jiena fil-Missier, u intom fija, u jiena fikom[5]." Il-fond tagħna bla qiegħ.


15

✱ 12 —— {Fig 15} Iżda li tippunta b'subgħajk lejn il-bieb tal-palazz mill-bogħod m'hux biżżejjed. Li taħseb fuqu m'hux biżżejjed. Il-palazz ma hux opinjoni, xi ideja, u lanqas ma huwa għan biex jintlaħaq.


16

{Fig 16} Għax meta jkollna opinjonijiet, ideat, jew għanijiet, dawn isaħħu lill-ego[6], lill-'jien' separat mis-sisien aktar fondi tiegħi. Isaħħu lin-*nafs i-ammari*, il-jien li dejjem jikkmanda.


17

{Fig 17} Meta jkolli *għan*, dan ikun ta' l-ego, u jifred: naħa waħda jpoġġi lili li ma jkollix, u n-naħa l-oħra jpoġġi dak li nkun nixtieq ikolli. Li jissaħħaħ l-ego u li jkun hemm firda-duwalismu-separazzjoni – dawn huma passi m'hux lejn il-Palazz iżda fid-direzzjoni opposta.

## ✱ 13 —— D. LEMĦA BISS ?


18


19

✱ 14 —— {Fig 18} Ħuta għaqlija tgħum fil-fond. Il-ħuta għaqlija tmiss mal-qiegħ! Kultant ikollna lemħa, kemm kemm lemħa tal-Palazz ta' l-Iżmerald. Dan waqt mumenti ta' ġmiel kbir, ta' ħemda kbira, ta' mħabba kbira, ta' devozzjoni kbira, ta' għarfien fil-fond.

[5] - Ġw. 14:19-21
[6] - Forsi il-'jien' nistgħu npinġuh bħala mera ta' l-idejn li fiha hemm bosta vuċijiet: ħsibijiet, emozzjonijiet, tendenzi, kollha jiġbdu 'l hawn u 'l hinn.

{Fig 19} Il-lemħa forsi ma ddumx aktar minn ftit sekondi jew minuti, qabel ma l-moħħ jerga' ikompli jaqbeż minn ħaġa għall-oħra, jew jipprova jaħtaf il-lemħa u ma jirnexxilux. Iżda biżżejjed lemħa biex nara li l-Palazz ta' l-Iżmerald huwa tassew viċin.



20

✱ 15 —— Għaliex għandha tgħib malajr daqshekk, dik id-dehra, jekk il-Palazz huwa tant viċin? Għaliex kemm kemm lemħa biss?

✱ 16 —— {Fig 20} Hawn hi l-problema! Il-ħuta li tgħum ħdejn il-wiċċ *tinqabad*. Il-ħuta forsi tħobb tgħum ħdejn il-kurrenti ta' wiċċ il-baħar.



21

{Fig 21} ... hdejn il-kurrenti ta' x'għandi aptit u x'nistmerr, ħsibijiet ma jbattu qatt, il-kmand u ġibdiet 'l hawn u 'l hinn tal-ego, l-istorbju u l-argumenti, il-ġudizzji li nagħmel fuq ħaddiehor - u fuqi nnifsi.



22

{Fig 22} {Fig 23} ... il-kurrenti ta wiċċ il-baħar fejn hemm l-ambizzjonijiet u l-ħolm tiegħi, fejn nitħassar u nibki lili nnifsi, fejn nikber u nitkabbar bl-akkwisti u bis-suċċessi. U jekk togħdos lejn il-fond, il-jien[7] jipprotesta: "Ej, *u jien*!!?". U terġa' ssib ruħek fil-wiċċ.



23

✱ 17 —— {Fig 24} Għadek qed tistagħġeb li l-ferħ tar-Renju, *tal-fond*, kemm kemm jintlemaħ kultant biss, u mall-ewwel jitgħatta donnu biċ-ċpar?



24

✱ *18* —— Il-ħuta għaqlija tmiss mal-qiegħ. Jeħtiġilna ngħixu fl-inħawi ta' qrib il-Palazz

[7] - In-nafs i-ammari dara jikkmanda!

ta’ l-Iżmerald, fejn qalbi u l-qalb tal-Mulej jgħammru fil-fond ta’ xulxin.



25

Jeħtieġilna ngħixu fl-inħawi tat-teżor moħbi fil-għalqa (tal-parabbola[8] ta’ Ġesù). Qrib tal-ġawhra mprezzabbli, (tal-parabbola l-oħra[9] ta’ Ġesù).

✱ 19 —— {Fig 25} Ngħixu ħdejn in-nixxiegħa...
L-ewwel Salm jgħid[10]:
*Hu bħal siġra mħawla ħdejn nixxiegħat ta’ l-ilma*
*Li tagħmel frott fi żmienha,*
*U l-weraq tagħha ma jidbielx.* {Fig 26}



26

## ✱ 20 —— E. AGĦMA!



27

✱ 21 —— {Fig 27} Iżda forsi *l-għomja biss* jistgħu jitwasslu sa bieb il-Palazz – u dawk li *jaraw* ma jistgħux jitwasslu, għax dawk diġà mingħalihom jafu fejn sejrin – il-‘jien’ tagħhom stess qed imexxihom minn imneħerhom. In-*nafs ammari* hekk jagħmel! Ġesù qal li ġie biex « *min ma jarax isir jara, u min jara jagħma.*[11] »



28

✱ 22 —— {Fig 28} U l-għomja jiġu gwidati. Ara il-kliem tal-profeta Isaia[12]: {Fig 29}

*Immexxi lill-għomja fi triq li ma jafuhiex;*
*mogħdijiet li ma jafuhomx inqabbadhom.*
*Id-dlam inbiddlu f’dawl quddiemhom,*

---

8 - Matt 13:44-46
9 - Matt 13:44-46
10 - Salmi 1
11 - Ġw 9 :39
12 - Iżaia 42:16,19,20



29

*It-triqat mgħawġa niddrittahom.*
*Dan kollu nagħmlu għalihom, u qatt iżjed ma nabbandunahom.*

*(…) Min hu agħma ħlief il-qaddej tiegħi?*
*Min hu trux bħall-messaġġier li bgħatt?*
*Min hu għama bħal maħbub tiegħi?*
*U trux bħall-qaddej tal-Mulej?*



30

✱ *23* —— {Fig 30} Fil-kurrenti ta' wiċċ il-baħar, il-ħuta tal-wiċċ għandha ħafna affarijiet x'tara u x'tisma' u x'tagħti każ. Il-ħuta għaqlija, il-persuna kontemplattiva, ma torbotx qalbha ma dawn l-affarijiet[13]. Il-jien tiegħu ma jiġix ingaġġjat, ingranat, minn dak li jara. « Qisu m'hux hu ». *Tassew* m'hux hu, ma hux il-jien tas-soltu. Qisu fid-dlam.



31

✱ 24 —— {Fig 31} Kif qal Iżaija "*Id-dlam inbiddlu f'dawl quddiemhom,*"[14] – Id-dlam jinbidel f'dawl - fid-dija ta' l-Iżmerald, fejn tassew "*jiena fikom u intom fija.*"[15]

✱ 25 —— Is-soru jew il-patri jew il-lajk kontemplattiv, din id-dija *tgħix minflok* il-jien tiegħu. U l-kontemplattiv li jingħata għall-azzjoni *jkun* id-dija qed tiddi fost id-dinja tal-kwiekeb, ibħra, foresti, annimali, u

[13] - Il-ħelsien mill-irbit, non-attachment, huwa parti importanti f'ħafna forom differenti ta' spiritwalità. Il-qofol huwa m'hux li ma jkollok xejn iżda li ma tidentifika ma xejn, sabiex il-jien ma jisminx, anzi jiċkien u jħalli tinħass il-Preżenza. Il-kontemplattiv mogħti għall-azzjoni, contemplative in action, jħalli lilu nnifsu jkun strument ta' azzjoni fid-dinja mingħajr ma jintrabat mad-dinja kif inhi jew kif jaħseb li għandha tkun.

[14] - Iżaia 42:16,19,20

[15] - Ġw 14:20, Ġw 17:21

bnedmin. Id-dija tqawwi l-fqar, tagħti r-ruħ lill-imnikktin.

✱ 26 —— Anke jekk forsi il-bieb tal-Palazz qatt ma jitbexxaq xejn ħlief xaqq wieħed biss (dak m'hux f'idejja, u ma nistax inpoġġi saqajja fil-bieb!)… xorta waħda d-dija min hemm biss tiġi.



32

## ✱ 27 —— F. DEVOZZJONI

✱ 28 —— {Fig 32} Jien ma tantx nifhem dwar id-devozzjoni, u allura forsi jkun aħjar li ma tantx nitkellem fuqha. Aħfruli jekk nagħmel żball. Iżda forsi anki id-devozzjoni tista' tintuża b'mod żbaljat.



33

✱ 29 —— {Fig 33} Nista' nkun devot lejn qaddisi, jew lejn Alla, b'tali mod li nara lili nnifsi, minn-naħa tiegħi, bħala separat, maqtugħ, u mimli imperfezzjonijiet. Għaliex il-perfezzjoni tkun biss fin-naħa l-oħra, fil-qaddis tiegħi, f'Alla tiegħi - hemm fin-naħa tagħhom.



34

{Fig 34} Hawn li forsi jkun qed jiġri huwa li qed *insaħħaħ* l-ego, il-'jien'. Inkun qed insaħħaħlu l-aspett negattiv tiegħu.



35

{Fig 35} U aktar ma jissaħħaħ il-"jien" separat, aktar ma nitbiegħed mill-Palazz ta' l-Iżmerald, il-lok tal-għaqda, tat-twaħħid. Aħfruli jekk ma taqblux ma dan.

L-ebda perfezzjoni, l-ebda misteru, ebda sbuħija divina fin-naħa tiegħi? Ej… ! Mela insejna li aħna ulied Alla?



36

{Fig 36} Ġesù: "Sakemm għandkom id-dawl, afdaw fih[16], biex tkunu wlied id-dawl[17]."

San Pawl: "Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu t' Alla huma wlied Alla [18]."

Kieku ebda perfezzjoni m'hija din-naħa, għax qiegħda kollha n-naħa l-oħra, allura għaliex għallimni Ġesù: "Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet[19]"?



37

✱ 30 —— Naturalment, m'huwiex eżatt il-jien tas-soltu li huwa perfett, li huwa wild id-dawl. Iżda taħtu hemm *it-tabernaklu*, hemm il-bieb tal-palazz fejn m'hemmx tnejn iżda wieħed.

{Fig 37} M'hemmx allura tip ieħor ta' devozzjoni? Hemmekk il-« jien » tiegħi sempliċement inċedih… inħallih jinħall (mingħajr ġudizzji jew ġlied miegħi nnifsi) quddiem il-qdusija, quddiem imħabba fonda, quddiem it-twaħħid. Il-Palazz qatt m'huwa l-bogħod.

Lilhinn mill-jien tibqa' mħabba fonda. *Min* ikun qed iħobb? M'hux il-jien iżda Alla. *Min* ikun qed jinħabb? M'hux il-jien iżda Alla.

## ✱ 31 —— G. INĦARES, INĊEDI



38

✱ 32 —— {Fig 38} Allura, m'hix daqshekk kwistjoni ta' priġunerija, illi nipprova

[16] - 'put your trust in the light', Bible, *New International Version*
[17] - Ġw 12:36
[18] - Rom 8:14
[19] - Matt 5:48

neħles. Bħala kontemplattiv, irrid biss *inżomm għajnejja miftuħin* għal-logħob tal-jien, u .. *inċedi il-jien.* Naturalment, m'hux inċedi għall-kmand tal-jien, kif nagħmlu issoltu, iżda bil-kuntlarju inċedi il-jien stess, kollu kemm hu, sabiex ikun jista' jinfetaħ it-tabernaklu ta' bla qiegħ. Inħares, u inċedi. M'hux ninħeba' mil-ħsieb jew mit-tendenzi, jew naħrab. M'hux nissielet miegħi innifsi sabiex il-jien jirranġa u jitqawwa, jew jingħasar bin-niket jew l-imrar (u xorta jitqawwa) jew billi nitħassar lili nnifsi. Iżda: inċedi, inċedi il-jien. Din prattika, m'hux teorija!

Per eżempju *il-ħsibijiet*, huma w għaddejjin, *inħares lejhom* bħala ħsibijiet, m'hux naħsibhom biss u nintilef fihom. B'hekk narahom bħala ħsibijiet, m'hux bħala 'jien'. *Il-vuċijiet u ġibdiet ġewwinija*, l-istess. Narahom, b'attenzjoni w kalma kbira, bħala dak li huma – vuċijiet, ġibdiet – m'hux bħala 'jien'. Iva, nieħu risponsabbiltà għalihom jekk ikunu feġġew fl-imġieba, iżda ma nidentifikax magħhom. Jekk ma nidentifikax magħhom ma nkunx qed inħaxxen il-jien – anzi, nkun qed inċedih.

*Memorji*, l-istess. *L-emozzjonijiet*, l-istess. *Ġismi*, l-istess. Hemm qegħdin, u jeħtieġ inħares lejhom taħt is-serċlajt, iżda m'hux biex nidentifika ruħi magħhom jew biex niġġudikahom. Jiġu, narahom, u jmorru. Jiġu, narahom, u jmorru. Din prattika, m'hux teorija!



39

✱ 33 —— Ejjew ngħidu li il-jien ma jibqax daqs qabel il-qaddej tiegħu nnifsu, biex ngħidu hekk. X'jiġri?



40

✱ 34 —— {Fig 39} L-ewwelnett, li jiġri hu li tonqos il-ġirja sfrenata "egoika" permanenti lejn is-sodisfazzjon – il-kelb li jdur u jagħqad biex jaqbad denbu stess.

{Fig 40} Kultant din il-ġirja tkun fil-forma ta' *gwerra ta' attakki fuq l-oħrajn*, irridu s-setgħa fuqhom, u ngħiru għal dak li għandhom.



41

{Fig 41} U kultant *il-battalja tkun difensiva* – il-jien ikun qed jipprova jipproteġi lil dak it-tifel jew tifla mweġġa' ġewwinija (dik parti mill-jien), kontra l-attakki tal-oħrajn.



42

✱ 35 —— {Fig 42} Iżda t-tieninett, meta' l-ego ma jibqax daqstant il-qaddej tiegħu stess, li jiġri wkoll huwa li tonqos il-bżonn tal-*gwerra kontrija nnifsi*, gwerra sabiex ngħakkes il-jien ħalli il-jien b'xi mod jitgħallem iġib ruħu sew.

{Fig 43} Dil-gwerra kontrija nnifsi forsi m'hix egoista, iżda xorta hija "egoika", tal-ego, u kapaċi tkun qed issaħħaħ lill-ego mingħajr ma nintebah, b'dak l-investiment kollu fil-jien li hawn ikun meħtieġ.



43

✱ 36 —— {Fig 44} F'kelma waħda, jekk inħares u inċedi, jonqsu il-ġibdiet u logħob u l-kmand tal-ego, u tonqos ukoll il-gwerra ta' dixxiplina li bniedem forsi jkun jagħmel fuqu nnifsu. B'hekk naraw li dan huwa passaġġ ta' ħelsien, ta' liberazzjoni, ta'



44

sliem. Diġà, bih, neħħejna żewgt igwerer – waħda fuq l-oħrajn u waħda fuqi nnifsi!

✱ 37 —— *Twissija*: Naturalment qed nitkellem dwar bnedmin normali, m'hux dwar dawk li għandhom bżonn kura mentali; f'dak il-każ, min iħoss li għandu bżonn għandu jfittex l-għajnuna qabel ma jidħol għal dan ix-xogħol dwar l-ego. *Din importanti*, għax inkella tista' ssir il-ħsara.

Fit-tfal jew f'żgħazagħ ta' età żgħira ħafna, il-jien ikun għadu ma nbeniex, u għalhekk dan kollu li qed ngħidu ma jinftihemx u ma japplikax.

F'adulti li għadhom ma jammettu ebda ġibda spiritwali, jista' jkun hawn ukoll li dan li qed ngħidu m'hux tajjeb għalihom, għax jaħsbuh ikel tajjeb iżda jsibu li joqgħodilhom fuq l-istonku, u jirrabjaw[20].



45

✱ 38 —— Iżda kulħadd, u aktar u aktar il-persuna kontemplattiva, jeħtieġ jinduna bil-logħob li jilħab il-jien; u sa ċertu punt dawn il-logħob u l-manuvri *jonqsu* mill-qawwa u mill-ingann tagħhom meta jkunu dehru fis-serċlajt tal-konxju.

{Fig 45} Iżda m'hux il-kas li nobgħod il-jien, jew li naqbad il-jien u nagħfsu, nagħfsu sakamm jiġi żero, jew nipprova inqaċċtu 'l barra. Li *naqbad* u li *nqaċċat* huma tendenzi u ħsibijiet tal-jien stess, u allura

[20] - Matt 7:6

dan kollu ma jagħmilx ħlief isaħħah l-ego u jkabbar it-tensjoni u l-iżolazzjoni tiegħu.

✱ 39 —— Il-bieb tal-Palazz, fejn il-maħbub u l-maħbuba huma l-istess, ma jinfetaħx hekk. Le, il-kontemplattiv josserva biss, m'hux jaħseb (għax il-ħsieb huwa parti mil-jien). Iċedi il-jien, u l-logħob tal-jien jibda jidher aktar ċar, u jikkwieta, u jbatti (għalkemm kultant ibati bis-sulluzzu! Tibżax, is-sulluzzu m'hijiex marda serja). ... U jibda jgħaddi minnu aktar u aktar dawl.

## ✱ 40 —— H. TIBŻAX



46

✱ 41 —— {Fig 46} Dan kollu, forsi, hu xi jfisser li tgħum, bħall-ħuta għaqlija, b'mod li tmiss mal-qiegħ. Jew li tmur tgħix fl-inħawi tal-Palazz ta' l-Iżmerald. Jew li tkun siġra li tgħix qrib in-nixxiegħa.



47

✱ 42 —— X'imkien taħt jew wara jew fuq il-*consciousness*, il-konxju tagħna hemm il-ġawhra imprezzabbli. Kemm kemm tidher tikka mid-dija tagħha kultant b'intuwizzjoni. U hemm tendenza naturali li dik toqrob u toqrob lejn il-konxju. Anke jekk ma nifhmuhiex sew, jew ma nifhmux il-mogħdija tagħha sew. Afda fiha, il-ġawhra imprezzabbli. Ħalliha tmexxik. Tibżax.



48

✱ 43 —— {Fig 47} Il-biża' hija waħda mill-aħħar armi tal-ego, tal-jien. Hija arma li ġġiegħel il-jien jibża' mill-qirda tiegħu stess. Ħallih jiċkien, u ma jkun hemm ħadd biex ikompli jibża'!



49

{Fig 48} Ċedi il-jien, ħallih jiċkien billi ma toqgħodx titimgħu u billi tagħmel serċlajt fuq il-logħob illi jilgħab. Fl-imħabba m'hemmx biża'.



50

{Fig 49} L-imħabba sħiħa tkeċċi l-biża' 'l barra[21].

{Fig 50}

A. KONTEMPLATTIVI ?
B. MIN JITLEF ĦAJTU?
C. IL-MERAVILJA
D. LEMĦA BISS ?
E. AGĦMA!
F. DEVOZZJONI
G. INĦARES, INĊEDI
H. TIBŻAX
I. KIF JIBDA' JBEXBEX...
51

## ✱ 44 —— I. KIF JIBDA' JBEXBEX...

✱ 45 —— {Fig 51} Il-jien irid isir trasparenti. Bil-grazzja t'Alla, forsi jiskot, jiżvojta, u jixgħel kollu kemm hu fid-Dawl imqaddes.



52

{Fig 52} U ma jibqa' xejn ħlief Imħabba. U hekk inkunu nistgħu ngħidu tassew li qrobna lejn l-istat fejn « Ngħix, imma m'hux jien iżda Alla jgħix fija[22]. »



53

{Fig 53} Jew forsi ma nkunu nistgħu ngħidu xejn. Għax inkunu skoprejna wara kollox li l-post fejn ngħammar ma kienx ħlief għarix tat-tiben mibni fuq il-bejt tal-palazz ! ... Hemmekk is-skiet jgħodd. U fil-ħemda tat-tbexbix, iċ-ċlampu u iċ-ċpar, tar. ------

Il-ħelsien mill-irbit, *non-attachment*, huwa parti importanti f'ħafna forom differenti ta' spiritwalità. Il-qofol huwa m'hux li ma jkollok xejn iżda li ma tidentifika ma xejn, sabiex il-jien ma jisminx, anzi jiċkien u jħalli tinħass il-Preżenza. Il-kontemplattiv mogħti għall-azzjoni, *contemplative in action*, jħalli lilu nnifsu jkun strument ta'

[21] - Ara 1 Ġw 4:18
[22] - Gal 2

azzjoni fid-dinja mingħajr ma jintrabat mad-dinja kif inhi jew kif jaħseb li għandha tkun.